MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2/2004

Michael Bugeja , u
Sonia mart George Scicluna,
minnu de Jure separata .

vs

George Scicluna,
U b'degriet tal-15 ta' Frar, 2005,
ġie kjamat fil-kawża id-Direttur tar-
Reġistru Pubbliku għal Għawdex ;
kif ukoll Dr. Mario Scerri ġie nominat
bħala Kuratur tal-Elenku sabiex
jirrappreżenta l-interessi tal-Minuri .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2003 twieled minn Sonia Scicluna tifel li ngħata l-isem ta' "Ilias" u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv ta' mitejn u wieħed u sebgħin (271) tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dokument "A") ;

Illi fl-att tat-twelid hawn fuq imsemmija, l-omm iddikjarat illi l-minuri hija iben George Scicluna, tant illi fl-ewwel kolonna taħt l-intestatura "Tagħrif dwar missier it-tarbija", hemm indikat illi l-minuri hija iben l-istess George Scicluna ;

Illi effettivament il-konvenut, George Scicluna, li huwa r-raġel ta' Sonia Scicluna u llum minnha de iure separat m'huwiex missier it-tarbija u fil-fatt missier it-tarbija huwa l-attur, Michael Bugeja ;

Illi fil-fatt il-konjuġi Sonia Scicluna u George Scicluna kienu ilhom żmien separati minn ma' xulxin tant illi fis-sbatax (17) ta' Jannar 2004 kien ġie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-konjuġi Scicluna , hawn anness u markat bħala Dokument "B" ; u għaldaqstant l-attriċi kienet f'impossibilita' fiżika illi tgħammar mal-konvenut fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum (300) u l-mija u tmenin jum m(180) qabel it-twelid tat-tarbija .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konvenut George Scicluna mhux il-missier ta' "Ilias" Scicluna, li twieled minn Sonia Scicluna fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2003 u li l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru mitejn u wieħed u sebgħin tas-sena elfejn u tlieta (271/2003) ;

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-istess att tat-twelid bin-numru progressiv ta' mitejn u wieħed u sebgħin (271) tas-sena elfejn u tlieta (2003) fis-sens illi titneħħa kull referenza illi hemm fl-istess att tat-twelid li juru illi l-konvenut George Scicluna huwa missier

it-tarbija hawn fuq imsemmija u minflok jitniżżel li missier it-tarbija huwa Michael Bugeja, b'tant illi kunjom il-minuri jibda jinqara Bugeja Scicluna u dana kollox kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-istess każ .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Sonia Scicluna .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi qabel xejn hemm l-irregolarita' fil-pożizzjoni ta' Michael Bugeja bħala attur f'din il-kawża . Dan għaliex għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' paternita' ta' l-attur ta' Michael Bugeja, din ma hix il-proċedura korretta u din ma għandhiex tkun diskussa f'dan il-foro . L-esponenti ma għandu ebda interess f'dik il-materja u għaldaqstant ma hux il-leġittimu kuntradittur . Una volta ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-paternita', teżisti proċedura oħra bil-liġi sabiex tkun affermata l-paternita' wara li jkun stabbilitt li l-minuri ma hix bint l-eċċipjenti .

2. Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet intiżi għaċ-ċaħda tal-paternita' ta' l-eċċipjenti, l-esponenti jaċċetta t-talbiet attriċi billi l-minuri ma hix il-wild naturali tiegħu . Dan għaliex minkejja li t-tarbija twieldet fi żmien tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni tas-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u erbgħa (2004), l-eċċipjenti u martu kienu ilhom diversi xhur mifruda de facto qabel ma ntlaħqet is-separazzjoni, tant li anki quddiem il-Qorti kienu ilhom li nbdew proċeduri ta' separazzjoni bejniethom sa minn Ottubru 2002. L-attur ma reġa' ngħaqad ma' martu fl-ebda perijodu minn dak iż-żmien lil hawn .

3. Illi għal dak li jikkonċerna t-talba dwar l-ispejjeż, din qed tiġi kkontestata għar-raġuni ovvja li kif ammess mill-attriċi kienet proprju l-attriċi li wasslet għal

dawn il-proċeduri mingħajr ebda responsabbilita' jew kontribut da parti ta' l-esponenti .

4. Salvi eċċezzjoni ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Bl-ispejjeż .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .
Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Frar 2005 fejn ġew kjamati fil-kawża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex u l-avukat Dottor Mario Scerri bħala kuratur tal-elenku sabiex jirrapreżenta l-interessi tal-minuri Ilias Scicluna .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li eċċepixxa illi :

1. Illi d-Direttur Reġistru Pubbliku għandu obbligi ben definiti mill-Kodiċi Ċivili dwar ir-reġistrazzjoni ta' trabi mwieldin għand koppja miżżewġa, u fil-liġi hemm preżunzjoni illi f'koppja miżżewġa t-tarbija hija wild/bint ir-raġel tal-omm, u fin-nuqqas ta' prova illi juru mod ieħor u fin-nuqqas ta' ċaħda li jagħraf it-tarbija da parti tal-missier skond il-liġi, l-att tat-twelid tal-minuri Ilias Scicluna irid per neċessita' jindika l-fatt illi huwa iben l-attur u mhux iben Michael Bugeja, u għaldaqstant, meta saret ir-reġistrazzjoni, din saret tajjeb u indikat lir-raġel tal-attriċi bħala l-missier it-tarbija ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, peress illi qegħda tintalab korrezzjoni fl-isem tal-missier it-tarbija, l-atturi jridu jipprovaw dak illi huma qegħdin jallegaw, u ċioe' illi huma l-ġenituri naturali ta' Ilias Scicluna, peress illi l-fatt illi George Scicluna aċċetta illi huwa ma hux missier it-tarbija, u ammetta t-talbiet attriċi ma jfissirx illi Michael Bugeja huwa l-missier ;

3. Illi l-konvenut esponenti jirrimetti ruħu a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ;

4. Illi stante n-natura tal-każ, il-konvenut esponenti ma għandux isofri danni ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-avukat Dottor Mario Scerri nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti in kawża u filwaqt li jirriserva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fl-interess tal-minuri la darba huwa jsir jaf aħjar il-fatti in kawża, huwa qed jirrimetti ruħu minn issa stess għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fl-aħjar interessi tal-ġustizzja u tal-minorenni ;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Dr. Mario Scerri nomine minnu maħlufa .

Rat il-verbal tal-konvenut George Scicluna ta' l-10 ta' Diċembru 2004 fejn ammetta t-talbiet attriċi purche' l-ispejjeż jibqgħu a karigu ta' l-atturi .

Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-kuratur nomine Dr. Mario Scerri .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża qed jintalab :

(i) li jiġi dikjarat illi l-konvenut George Scicluna mhux il-missier naturali ta' Ilias Scicluna, minkejja li ġie mniżżel bħala tali fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu; u konsegwentement

(ii) li jiġi kkoreġut l-istess ċertifikat tat-twelid billi titneħħa kull referenza għall-istess George Scicluna bħala l-missier tat-tarbija, u minflok jitniżżel l-attur bħala l-missier tagħha .

Kif ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, sabiex tirnexxi talba bbażata fuq l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, kif għandna fil-każ in eżami, jrid jiġi ppruvat illi :

(i) **It-tarbija ma kienitx leġittima** u
(ii) **l-istat tagħha effettivament ma jikkorrispondix ma' dak li juri l-att ta' twelid taghha**[1] **.**

Infatti f'kawża simili fejn l-attur talab li jiġi dikjarat il-missier naturali tat-tarbija, u ma inghadx fiċ-ċitazzjoni li t-tarbija kellha stat differenti minn dak li jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, l-Qorti ma dehrilha li kien hemm ebda ostakolu biex tilqa' t-talba, ġialadarba ż-żewġ rekwiżiti mitluba mil-liġi ġew ippruvati[2] .

Minkejjja li ma semmewhomx, huma xorta waħda dawn ir-rekwiżiti li jridu neċessarjament jipprovaw l-atturi fil-kawża preżenti .

I. Dwar l-ewwel rekwiżit : **in-nuqqas ta' leġittimita' tat-tarbija .** L-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili jirrikjedi li biex wieħed jirnexxi b'din l-azzjoni huwa għandu jipprova illi, fiż-żmien it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilita' fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha . Fil-każ in eżami t-tarbija twieldet fid-29 ta'

---

[1] A vs Direttur tar-Registru Pubbliku et . Prim'Awla (Sezzjoni Familja) RCP : 18.11.2004 .
[2] A vs B u C et noe. : Prim'Awla : 4.12.1998 FGC

Settembru 2003[3] . Jirriżulta mill-provi illi l-attriċi u l-konvenut kienu sseparaw formalment minn ma' xulxin sa mis-17 ta' Jannar 2003[4] . Madankollu kien ilhom ma jgħixu flimkien sa minn Ottubru tas-sena preċedenti[5] . Ġie wkoll konfermat mill-atturi illi huma kien ilhom jirrisjedu flimkien mill-bidu ta' Novembru 2002[6] . Huwa minnu illi strettament, minkejja dak li kkonfermaw kemm l-atturi w anke l-konvenut Scicluna stess, xorta waħda ma jistax jingħad illi kien hemm l-impossibilita' fiżika li dawn jgħammru ma' xulxin, ġialadarba ħadd minnhom ma kien imsiefer tul il-perijodu msemmi mil-liġi . Imma kif intqal f'ċirkostanzi simili :

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem "**minhabba li kien bogħod minnha**" m'għandhomx jingħataw it-tifsira li r-raġel ma jkunx jghix fil-pajjiz fejn tabita martu.Illum, meta l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn pajjiż u ieħor tant tjiebu, din ix-xorta ta' lontananza ma toffri l-ebda prova fis-sens tal-ligi . Anke l-priġunerija tar-raġel illum m'hi l-ebda prova li huwa jinsab "**boghod minn martu**" għaliex huwa possibbli li dawn jiltaqgħu;*

*Il-Qorti taħseb li, f'dan il-kuntest, l-interpretazzjoni li għandha tinghata hija li din il-lontananza bejn il-mara u r-raġel għandha tkun waħda ta' natura psikoloġika aktar milli tirrifletti d-distanza fiżika ta' bejniethom."* [7]

Fil-fehma tagħha għalhekk, jidher illi dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt .

2. Dwar it-tieni rekwiżit : **Stat differenti minn dak li jidher fuq l-att ta' twelid .**

A tenur ta' l-artikolu 81 tal-Kap. 16 "***ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala***

---

[3] ara ċertifikat tat-twelid relattiv, esebit bħala Dok. A a fol . 5 tal-process .
[4] ara kopja tal-kuntratt relattiv esebit bħala Dok. B a fol . 6 - 11 tal-process .
[5] ara depożizzjoni ta' George Scicluna a fol. 32 tal-proċess .
[6] ara affidavits tagħhom Dok. MB a fol . 60 u Dok. SC a fol . 61 tal-process .
[7] Prim'Awla : A vs B u C et noe . 4.12.1998 .

***iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att***;" u similment "***ħadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben leġittimu ta' tifel li jkollu l-pusess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tiegħu***" . Għalhekk u kif hu aċċettat mill-ġurisprudenza lokali, l-azzjoni proposta mill-artikolu 77 tal-Kap. 16, hija waħda subordinata għall-artikolu 81[8] . Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fil-kawża : "Emanuela sive Lilian Diacono pro. et noe. vs. Massimo Alakkad et." (RCP. 2.10.2002) : " …. *huwa ċar li l-ħsieb tal-liġi huwa li jipproteġi l-istat ta' leġittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiż-żwieġ, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess deskrizzjoni wkoll tal-ħajja tiegħu, hekk miżmum fil-rejalta' soċjali bħala iben jew bint l-istess konjugi*."
Ir-**Ricci** jispjega f'dan ir-rigward illi :
" (il legislatore) *ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' del talammo e per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvalorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei figli concepiti da sua moglie durante il matrimonio*" ( vol. I. pt. II. # 49 p. 63) .

Infatti l-liġi tagħna wkoll tagħmel din il-preżunzjoni fl-artikolu 67 tal-Kap. 16 : "***L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu***".

Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-minuri għandu fil-fatt stat leġittimu, u fiċ-ċertifikat tat-Twelid tiegħu jidher illi ngħata kunjom ir-raġel ta' ommu . Imma b'daqshekk ma jfissirx illi ma jistgħux jitressqu provi li jindikaw, fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mill-liġi, illi huwa għandu l-pussess ta' stat differenti minn dak li jidher fuq l-att tat-twelid tiegħu . Il-prova ta' l-istat ta' iben leġittimu hi magħmula minn ġabra ta' fatturi, ewlenin fosthom dawk elenkati fl-artikolu 80(2) tal-Kap. 16 . Kif intqal fis-sentenzi "Concetta Conti noe. vs Angelo Camilleri (vol. XXXII. ii. 309) u "Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et. : (P.A. 18.1.2000 RCP) :

---

[8] Joseph Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et noe. : Prim'Awla : 10.12.2002

.

*"…. Dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-artikolu 82 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-Artikolu 80 tal-Kap. 16) inkella jekk it-tifel ikun ġie reġistrat taħt isem falz … . Il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda oħra li tista' tinġieb skond il-liġi . Fi kliem ieħor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx maċ-ċertifikat tat-twelid il-prova li toħroġ miċ-ċertifikat tar-reġistru Pubbliku mhux insindakabbli*" (sottolinear ta' din il-Qorti) .

Rilevanti wkoll dak li qalet l-istess Qorti fl-aħħar kawża hawn fuq ċitata fis-sens illi :

"*F'dan l-isfond wieħed jirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet "Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku" (FGC. 10.5.1996) fejn ingħad illi l-attur "għandu nteress li jattakka l-leġittimita' tat-tifla minuri u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-arikolu 77 tal-Kap. 16 . Illi l-prinċipju "pater est quem justae nuptiae demonstrat" huwa rikonoxxut mill-liġi tagħna permezz tal-artikolu 67 li jgħid illi "l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu," pero' madankollu wieħed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħda taqbad l-għeruq il-fehma li r-realtajiet bijoloġiċi u soċjali jipprevalu fuq il-preżunzjoni legali li 'pater est quem justae nuptiae demonsatrant' . Illi dan ġie rikonoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawża fl-ismijiet "Kroon vs The Netherlands" fejn ġie rikonoxxut legalment l-eżistenza ta' 'family ties' anke bejn persuni li ma humiex miżżewġin, u għalhekk il-frott ta' l-istess, għandu jiġi rikonoxxut bħala tali, għaliex jirrispekkja il-verita' attwali f'din il-kawża . Ċertament li dan kollu ma jisb l-ebda ostakolu bl-artikolu 81" .* Huwa evidenti għalhekk illi l-provedimenti ta' l-artikolu 81 tal-kap. 16 ma jistgħux iżommu lil ġudikant milli jagħmel l-indaġini meħtieġa sabiex jiġi stabilit jekk jeżistix jew le l-pussess ta' stat ta' iben leġittimu konformi ma' l-att tat-Twelid tiegħu .

Il-każ in eżami, apparti r-riżultat ta' l-eżamijiet bijoloġiċi li saru fuq l-atturi u l-minuri, li minnhom ħareġ indubbjament

illi l-minuri huwa tassew l-iben naturali tagħhom,[9] jirriżulta wkoll illi dan dejjem trabba u għex magħhom minn mindu twieled u qatt ma kellu xejn x'jaqsam mal-konvenut George Scicluna.[10] Huwa ovvju f'tali ċirkostanzi illi l-minuri mhux fil-pussess ta' stat konformi ma' dak li juri l-att ta' Twelid tiegħu, u għaldaqstant it-tieni rekwiżit ġie wkoll sodisfatt .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara illi l-konvenut George Scicluna mhux il-missier ta' Ilias Scicluna, li twieled mill-attriċi Sonya Scicluna fid-disa' u għoxrin (29) ta' Settembru 2003, u li l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numri mitejn u wieħed u sebgħin tas-sena elfejn u tlieta (271/2003), imma li l-istess Ilias Scicluna huwa l-iben naturali ta' l-attur ;

2. konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att ta' twelid indikat fis-sens illi titneħħa kull referenza illi hemm fl-istess att li juri lill-konvenut George Scicluna bħala missier it-tarbija u l-partikolaritajiet l-oħra relattivi għalieh, u minflok jiġu sostitwiti bl-isem u kunjom ta' l-attur flimkien mal-partikolaritajiet tiegħu fil-kolonni appożiti, u ċioe' billi jiġu inseriti n-numri "41264" u l-ittra "G" fil-kolonna ntestata "Id-Dokument ta' l-Identita' "; in-numri "39" fil-kolonna ntestata "Eta' "; il-kliem "Nadur (Għawdex) Malta" fil-kolonna ntestata "Fejn Twieldu"; il-kliem "Xagħra (Għawdex) Malta fil-kolonna ntestata "Fejn joqgħodu" u l-kliem "Anthony Bugeja (mejjet)", fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet" .

Peress illi ħadd mill-konvenuti jew il-kjamati fil-kawża ma jaħti għas-sitwazzjoni li ġiet ittrattata f'din il-kawża, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-istess atturi *in solidum* bejniethom .

[9] ara DNA Paternity Test Report esebita fol. 55 - 57 tal-process .
[10] ara depożizzjoni tal-konvenut u affidavits ta' l-atturi .

Fl-aħħarnett tordna illi a kura tar-Registratur tagħha, kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Diretttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------